TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 21/14-F

**Alison u Edward Galea**

**vs**

**Vision Line Market Centre**

Illum 6 ta' Mejju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 ta' Jannar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tletin ewro (€30), rappreżentanti prezz ta' *grill maker* illi wara ħmistax-il ġurnata l-plates bdew jitqaxxru.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *grill maker* u wara li ntużaw għal xi ġimgħatejn dawn il-plates bdew jitqaxxru.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi dan sar jew b'użu ħażin, jew b'xi kimika li qaxxret dawn il-plates, għaliex żgur ma jistax ikun li jitqaxxru daqshekk malajr.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-użu li kien għalih intiż ma kienx tajjeb u tqaxxru mhux tort tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' ħamsa w għoxrin ewro (€25), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*grill maker* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888